SANTA LUĊIJA

MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Luċija**

**Is-Seba' Leġislatura**
**Laqgħa Numru 45-18**

**17 ta' Lulju 2018**

Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol Santa Luċija fil-5.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Terrence Ellul – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Liam Sciberras - Kunsillier
Joe Bonello – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Caroline Galea - Kunsilliera

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Terrence Ellul ippresjeda l-laqgħa.

**45.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

Is-Sindku qara l-ittri ta' apoloġiji tal-Kunsilliera Caroline Galea. Is-Sinjura Galea infurmat il-Kunsill li ma setgħetx tattendi għal din il-laqgħa.

**45.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa numru 44-18**

**45.2.1** ***Manutenzjoni ta' Monument***

Il-Kunsillier Bonello rrefera għall-minuta 44.2.2 u staqsa dwar ix-xogħol ta' manutenzjoni li kellu jsir fuq il-monument f'Dawret it-Torri. Is-Sindku qal li x-xogħol kellu jibda din il-ġimgħa.

**45.2.2** ***Xogħol fuq dawl tat-toroq fuq iz-Zuntier tal-Knisja***

Il-Viċi Sindku irrefera għall-minuta 44.3.2 u staqsa jekk tlestix ix-xogħol fuq iz-zuntier tal-Knisja. Is-Sindku wieġeb li kien tlesta x-xogħol tat-*trenching.*

**45.2.3** ***Sigar ħdejn il-monument ta' Karl Chircop***

Il-Kunsillier Liam Sciberras irrefera għal minuta 44.4.6 u qal lis-siġar qed jgħattu l-*landscaping*. Il-Viċi Sindku qal li x-xogħol huwa lest. Il-Kunsillier Sciberras qal li jirringrazzja lil min ħa ħsieb li jsir ix-xogħol u saħaq dwar l-importanza li x-xogħol isir kif suppost. Is-Sindku qal li kienet saret ħsara fuq id-*drip irrigation* ta' Ġnien l-Iskultur. Huwa qal li kien ser jibgħat għal attenzjoni tal-Kunsill, l-*e-mails* li għaddew bejnu u bejn Trasport Malta dwar dawn il-ħsarat. Huwa tenna jgħid li trid issir il-manutenzjoni neċessarja u jerġa jsir il-*landscaping* mill-ġdid.

**45.2.4** ***Transport Malta – Proposta ta' Żebra Crossing u Road Hump fi Triq Peprin***

Il-Kunsillier Bonello irrefera għal minuta 44.2.4 u qal li għadhom ma twaħħlux il-*bollards* li kellhom jitwaħħlu quddiem Ġnien is-Serenita'.

**45.2.5** ***Ħarġa għall-Għawdex***

Il-Kunsillier Bonello irrefera għal minuta 44.4.10 u qal lid-data tal-attivita' li kellha ssir fit-8 ta' Awissu 2018 inbidlet u l-attivita' ser issir fid-9 ta' Awissu 2018.

**45.2.6** ***Ġieħ Santa Luċija***

Is-Sindku rrefera għall-minuta 44.5 u qal li xtaq li jgħid proset lill-organizzaturi tal-Kunċert *Coming of Age.* Il-Viċi Sindku rringrazzjah u qal li diġa' saret laqgħa dwar l-andament ta' din is-serata' u xi titjieb li jista' jsir jekk jerġa

jittella' kunċert simili. Ġie nutat li jrid ikun hemm dawl aktar adekwat u l-bżonn li l-orkestra tkun qiegħda fuq palk biex in-nies ikunu jistgħu jgawdu aħjar dan l-ispettaklu. Il-Viċi Sindku kompla jgħid li ċ-Ċentru Kulturali Ċiniż huma interessati li jkunu nvoluti.

**45.2.7** ***Rotta 83***

Il-Kunsillier Bonello irrefera għall-minuta 44.6 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp minn naħa ta' Trasport Malta dwar d-deċiżjoni tal-Kunsill fir-rigward ta' Rotta 83. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għad m' hemm xejn uffiċjali.

**45.2.8** ***Sparar tal-Festa tad-Duttrina f'Ħal Tarxien***

Il-Viċi Sindku irrefera għall-minuta 44.4.4 u ressaq proposta biex issir petizjoni. Huwa qal li l-bomba trid tiġi sparata minn x'imkien ieħor. Il-Kunsill qabel li jsir *survey* professjonali u d-domanda għandha tkun waħda – taqbel jew le jew tintlaqtx jew le.

**45.2.9** ***Proġett Sebbaħ il-Lokalita'***

B'referenza għal minuta 44.8 il-Kunsill qabel li jintbgħat *reminder* lill-perit dwar il-proċess biex isir dan il-proġett kif miftiehem.

**45.2.10** ***Emenda għal minuta 44.4.6***

Il-Viċi Sindku irrefera għal minuta 44.4.6 u insista li jitniżżel l-isem tal-uffiċjal pubbliku li ssemma waqt il-laqgħa preċedenti. Il-Kunsill qabel li ssir l-emenda fl-minuta 44.4.6 kif qed jitlob il-Viċi Sindku.

**45.2.11** **Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 44-18 ġew approvati kif emendati.

**45.3** ***Affarijiet Finanzjarji u Kunsiderazzjoni u tal-Iskeda ta' Pagamenti***

**45.3.1** ***Kwotazzjoni għal xogħol fuq tiswija tal-air conditioner fil-kamra tal-watchmen fi Ġnien is-Serenita'***

Il-Kunsill m'approvax kwotazzjoni li tammonta għas-somma ta' €358.28 fuq xogħol ta' tiswija tal-*airconditioner* fil-kamra tal-*watchmen* fi Ġnien is-Serenita'. Il-Kunsill qabel li jinxtara *airconditioner* ġdid.

**45.3.2** ***Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti***

Il-Kunsill approva l-Iskeda ta' Pagamenti numru CM45-18 għall-perjodu bejn il-25 ta' Ġunju 2018 sat-12 ta' Lulju 2018 u minn *cheque* numru BOV 7268 sa *cheque* numru BOV 7275.

**45.4** ***Komunikazzjonijiet mis-Sindku***

**45.4.1** ***Measure 4.3***

Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill stima riveduta tax-xogħolijiet rikjesti mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fiż-żewġ toroq rurali li ser isiru f'Wied Garnaw taħt l-iskema Measure 4.3. Il-Kunsill innota li fit-Triq L/O Triq ta' Garnaw l-ispiża involuta ser tiġi koperta mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Il-Kunsill innota wkoll li l-ispiża nvoluta għall-Kunsill fir-rigward tat-Trejqa ta' Garnaw, skond l-istima tal-Korporazzjoni Għas-Servizzi tal-Ilma, tammonta għas-somma ta' €9742.21. Qamet diskussjoni u l-Kunsill qabel li din l-ispiża ma tistax issir mill-fondi tal-Kunsill. Il-Kunsill baqa jsostni li din l-ispiza għandha tinġarr mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Ġie nnutat li jekk dan ix-xogħol ma jsirx issa, u jsir wara li jkunu lesti t-toroq, l-ispiża għall-Korporazzjoni Servizzi tal-Ilma, ser tkun akbar.

**45.4.2** ***Pink October Campaign***

Is-Sindku irrefera għall-inizjattiva tal-Pink October Campaign 2018 u ppropona li din is-sena jinxtgħel il-ħajt ta' Ġnien is-Serenita' minn barra u jinxtegħlu wkoll xi sigar matul ix-xahar ta' Ottubru kollu. Il-Kunsill qabel li jipparteċipa f'din l-iniżjattiva kif proposta.

**45.4.3** ***Librerija Pubblika***

Is-Sindku ressaq talba tal-librara biex jinxtraw numru ta' novelli Maltin ġodda għall-librerija ta' Santa Luċija. Il-Kunsill approva din l-ispiża li tammonta għas-somma ta' €150.00.

Il-Viċi Sindku qal li l-librerija pubblika taqa' taħt id-dekasteru tiegħu u jħoss li f'talbiet bħal dawn għandu jiġi kkupjat fl-*e-mails* tal-librara tal-Kunsill biex ikun jista' jgħin aktar.

Huwa talab lis-Sindku biex jitneħielu d-dekasteru tar-Reġjun Nofsinhar mill-kariġi tiegħu. Is-Sindku ma sab l-ebda oġġezzjoni għal din it-talba.

**45.4.4** ***Lejla Sajfija***

Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-Lejla Sajfija ser issir nhar il-Ħadd, 26 ta' Awissu 2018 fil-Pjazza 7 ta' Lulju bejn is-7.00p.m u l-11.00p.m.

**45.4.5** ***European Mobility Week***

Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza li rċieva l-Kunsill fir-rigward tal-kompetizzjoni – European Mobility Week. Huwa qal li din ser issir fix-xahar ta' Settembru 2018 u kull min jixtieq jipproponi xi inizjattiva jew attivita' għandu jinforma l-Kunsill.

**45.4.6** ***Proġett 2 Will***

Is-Sindku rrefera għall-*final event* tal-Proġett 2 Will li ser jiġi organizzat mill-Muniċipju ta' Wieliszew f'Poland bejn is-7 u l-11 ta' Awissu 2018. Il-Kunsill approva l-parteċipazzjoni tal-Kunsillier Liam Sciberras u Joe Bonello li wrew interess li jirrapreżentaw lill-Kunsill fuq dan il-proġett. Il-Kunsillier Sciberras qal li hu kien ser jieħu ħsieb jipprepara *power point presentation* u l-Kunsillier Bonello ser jieħu ħsieb il-preparamenti l-oħra.

**45.4.7** ***Chinese Film Festival u Solar Cinema fi Ġnien is-Serenita'***

Il-Kunsill ġie nfurmat li ċ-Chinese Film Festival ser isir fi Ġnien is-Serenita' fis-27 ta' Awissu 2018. Il-Kunsill approva l-ispiża biex jinkrew s-siġġijiet għal pubbliku.

Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li s-Solar Cinema mtella' mill-Valletta 18 bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill ser isir fit-13 ta' Awissu 2018.

Għandhom joħorġu l-avviżi għal pubbliku fir-rigward ta' dawn iż-żewġ attivitajiet.

**45.4.8** ***Ilmenti u Suġġerimenti***

Is-Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill diversi ilmenti u suġġerimenti mir-residenti.

**45.4.8.1** ***Suggeriment numru: 35-2018***: l-Kunsill ta l-approvazzjoni tiegħu biex issir dawl ġdid fi Triq il-Lellux ħdejn l-Ipogew. Il-Kunsill qabel ukoll li jitlob lill-Enemalta biex l-arblu tad-dawl li hemm fi Triq il-Ġnien isir *double arm pole*.

**45.4.8.2** ***Korrispondenza 0669-18-I***: Fuq il-*culvert* fi Triq Pensjeri l-Kunsill qabel li l-kuntrattur li wettaq dan ix-xogħol għandu jagħmel il-manutenzjoni neċessarja.

**45.4.8.3** ***Suggeriment numru 34-2018***: Il-Kunsill ma qabilx mas-suġġeriment biex issir *no entry* mit-Triq tal-Barrani għal Dawret it-Torri. Il-Kunsill innota li din il-proposta fil-passat ma rnexxitx u ma ħadmitx.

**45.4.8.4** ***Suġġeriment numru 38-2018:*** Il-Kunsill ma laqgħax talba biex jitneħħa *bin* minn Dawret it-Torri. Il-kennies għandu jiġi nfurmat biex jagħlaq l-għotjin sew.

45.4.8.5 ***Korrispondenza 0645-18-I:*** Il-Kunsill qabel li għandu jsir kordinament mal-kuntrattur inkarigat mill-ġbir ta' skart biex jiġabar l-iskart domestiku minn Sqaq Numru 1 Triq il-Lampat minn naħa ta' Gudja Road.

45.4.8.6 ***Ilment numru 36-2018***: Il-Kunsill qabel li l-kuntrattur ELC Ltd għandu jiġi nfurmat b'ilment li rċieva l-Kunsill dwar it-tisqija tal-ilma.

45.4.8.7 ***Ilment numru 39-2018:*** Il-Kunsill qabel li l-*bollard* li hemm fil-bidu tal-passaġġ ta' wara l-għassa għandha tersaq b'tali mod li ma jkunx jista' jsir *parking* li jagħlaq il-passaġġ.

**45.5 Offerta PC(57-18-02) – Żamma u manutenzjoni ta' Latrini Pubbliċi f'Santa Luċija**

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ma ntefgħet ebda offerta għas-sejħa hawn fuq imsemmija li saret fuq l-EPPS. Hija kompliet tgħid li nfurmat lid-Dipartiment Għall-Gvern Lokali u bi tweġiba l-Kunsill ġie nfurmat li din is-sejħa għandha terġa toħroġ. Kien hemm diskussjoni u l-Kunsill qabel li għalissa jibqa' jieħu ħsieb tat-tindif tal-latrini, l-ħaddiem assenjat mal-Kunsill.

**45.6 Xogħolijiet**

**45.6.1 *Pendenzi fuq Xogħolijiet ta' Manutenzjoni***

Is-Sindku tkellem dwar il-pendenzi fuq xogħolijiet li ġew ordnati lill-Kuntrattur tal-Kunsill fuq il-manutenzjoni tat-toroq. Huwa semma diversi xogħolijiet fosthom ir-rampa ta' ħdejn il-Kappella u l-bankina fi Triq Bruka.

**45.6.2 *Taraġ tal-irħam quddiem entratura C Dawret it-Torri***

Il-Kunsill iddiskuta il-kundizzjoni tat-taraġ tal-irħam li hemm quddiem Entratura C f'Dawret it-Torri. Il-Kunsill qabel li l-irħam ta' dan it-taraġ għandu jsirlu l-manutenzjoni neċessarja u r-*railings* isiru wieħed f'kull ġenb minflok wieħed fin-nofs.

**45.6.3 *Żbir ta' siġra kbira ħdejn fi Vjal Oleandri kantuniera ma' Dawret it-Torri***

Il-Kunsill qabel li għandu jintalab il-permess tal-ERA biex din is-siġra tkun tista tiġi miżbura u l-kobor tagħha jinżamm taħt kontroll.

**45.7 Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**45.7.1 *Mistoqsija tal-Viċi Sindku***

Il-Viċi Sindku irrefera għas-sit arkeoloġiku fi Triq il-Lellux u staqsa jekk il-palm li hemm jistgħux jinqalgħu u jitħawlu f'Dawret it-Torri minflok dawk mejtin. Il-Kuntrattur ELC għandu jiġi infurmat f'din il-proposta. Il-Kunsillier Bonello irrimarka li fiċ-ċanet ta' quddiem il-ħwienet f'Dawret it-Torri mhux qed

jinżera xejn.

**44.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa ntemmet fis-7.30p.m. Il-Laqgħa li jmiss ser issir nhar is-Sibt, 25 ta' Awissu 2018 fid-9.00a.m.

Konfermati, illum il-__________, __ ta' ____________ 2018

| | |
|---|---|
| **Terrence Ellul** | **Caroline Silvio** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |